MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 8/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta’ Novembru 2009 ghall-habta ta’ 16.15 hrs f’Ta` Kandja, Limiti tas-Siggiewi saq vettura numru HAS 801 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra

tieghu u kkundannatu multa ta’ mitejn Ewro (€200) u piena ta’ priġunerija  ta’ xahar.

Il-Qorti, a tenur ta’ l-artikolu 15 (3) tal-Kap. 65 skwalifikat lill-appellant għal żmien xahar milli japplika għal-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti m’għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti peress li m’hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura msemmija.

Illi mingħajr preġudizzju għal dan l-aggravju, s-sentenza mhix ekwa w gusta.

Rat il-verbal li fih l-Avukat Ġenerali ssottometta n-nullita’ tar-rikors tal-appell stante li l-fatti fil-qosor ma jissodisfawx l-artikolu 413 tal-Kap 9.

Rat illi l-appell kien differit għas-sentenza għat-2 ta’ Lulju, 2012.

Semgħet  ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Milli atti jirriżulta li xehed s-Sur Brian Farrugia, rappreżentant tal-Awtorita’ dwar it-Trasport.  Dan ix-xhud ikkonferma li l-liċenzja tas-sewqan – kienet x’kienet il-

kategorija – kienet revokata b'ordni speċifiku mill-Kummissarju tal-Pulizija fis-17 t'Awwissu tas-sena 2000.

Mill-affidavits jirriżulta dan li ġej.

(i) Ċertu Carmel Farrugia, membru tal-Korp tal-Pulizija, qal li fis-6 ta' Novembru 2009 għall-ħabta tal-4.15 pm, l-appellant kien daħal fil-kumpless tal-SAG isuq vettura tat-tip Fiat punto bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS 801. Il-liċenzja tas-sewqan tal-appellant kienet revokata.

(ii) Ċertu Angelo Camilleri, membru tal-Korp tal-Pulizija, qal li fis-6 ta' Novembru, 2009 għall-ħabta tal-4.15 l-appellant kien daħal fil-kumpless tal-SAG isuq vettura ta-ttip Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS 801. Is-surġent 1334 Carmel Farruiga kiwen staqsieh għal-liċenzja u l-appellant kienq al li ma setax jgħaddi mingħajr ma jsuq u kkonferma li l-liċenzja kienet revokata.

Xehed ukoll l-appellant li qal li fl-inċident imsemmi huwa kien Ta' Kandja u kien qed isuq ċertu Fabio. X'ħin raw il-Fiat ħasbu li kien hu li qiegħed isuq. Lilu kienu jwassluh, kultant ċertu Fabio u kultant xi wieħed barrani. Jekk l-uffiċjali kienu fuq ġewwa, allura ma setgħux jarawh isuq. Kompla jgħid li hu ma kellux liċenzja u kien qed jitgħallem it-teorija.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali dwar in-nuqqas ta' deskrizzjoni tal-fatti fil-qosor.

Effettivament l-appellant qal hekk fir-rikors tiegħu:

'Illi l-fatti kienu sempliċiment is-segwenti:-

Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'

F'dan l-appell, hawn imputazzjoni waħda – sewqan bla liċenzja.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatti huma xi ftit skarsi u ma kinux sempliċiment rapport. Iżda ftit kien hemm dettalji x'wieħed iżid. Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' din l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

Min-naħa l-oħra l-Qorti tal-Appell Kriminali ma disturbax id-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din setgħet tasal għaliha raġonevolment u legalment.

Mix-xhieda hawn fuq mogħtija jirriżulta ampjament li l-appellant ma kellux liċenzja u li kienu rawh żewġ persuni jsuq mingħajr ma kellu l-liċenzja.

Għaldaqstant il-Qorti ma qed issib ebda raġuni għala għandha tiddisturba l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-ħtija tal-appellant ta' din l-unika imputazzjoni dedotta kontrih.

Dwar l-aggravju jekk is-sentenza hix ekwa u ġusta l-Qorti rat id-dispożizzjoni tal-artikolu 15 (1) (3) tal-Kap 65. Skont dawn iż-żewġ sub-inċiżi, kull persuna li ssuq vettua mingħajr liċenzja tista' teħel multa sa 232.94 JEW priġunerija sa mhux aktar minn tliet xhur. Skont is-subinċiż (3), fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti għandha, barra milli timponi l-piena kontemplata f'dan is-subartikolu, tiskwalifika lill-ħatimilli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' mhux anqas minn tmint ijiem.
L-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet multa ta' €200 u piena ta' xahar priġunerija u skwalifikat lill-imputat għal żmien xahar.

Minħabba li fl-ewwel subinċiż il-Liġi tikkontempla alternattiva – multa jew priġunerija – l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħet timponi żż-ewġ pieni f'daqqa. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju billi tikkonferma l-ħlas tal-multa u tneħħi l-piena ta' priġunerija.

**Konklużjoni**

Il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u l-ewwel aggravju tal-akkużat iżda qed tilqa' t-tieni aggravju.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza billi tikkonfemha fejn sabet ħtija tal-unika imputazzjoni u fejn imponiet multa ta' €200 (mitejn Ewro) u skwalifikat lill-appellant għal żmien xahar milli japplika għal-liċenzja tas-sewqan u qed tirrevokha u tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------